# Inkurunazzjonijiet ta' Statwi Marjani

Angelo Schembri

Fiż-żmien li wasal f'idejkom dan il-Programm tal-Festa, m'għandix dubju li fost il-parruċċani Slimiżi tas-Sacro Cuor teżisti stennija kbira għall-aħbar li l-vara titulari devota tas-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù ser tiġi inkurunata solennement! Proprju nhar l-Erbgħa 9 ta' Mejju, l-ewwel Erbgħa tal-Madonna, tħabbar uffiċjalment li din l-ewwel vara titulari f'Tas-Sliema, ser tiġi nkurunata mill-Arċisqof Charles J. Scicluna nhar id-29 ta' Settembru li ġej. Din il-ġurnata tant importanti fl-istorja Slimiża, timmarka għeluq iċ-Ċentinarju mit-twaqqif tal-Parroċċa Sacro Cuor. Għalhekk wara mitt sena minn mindu twaqqfet il-Parroċċa, ser tiġi nkurunata l-Madonna li lilha hu ddedikat dan it-tempju sabiħ, u taħt il-ħarsien tagħha jinsabu wliedha.

L-Inkurunazzjonijiet f'Malta jmorru lura preċiżament għal mija u sebgħa u tletin sena, meta fil-15 ta' Lulju 181 ġie nkurunat il-kwadru devot tal-Madonna tal-Karmnu fis-santwarju tagħha tal-Belt Valletta. Din kienet l-ewwel inkurunazzjoni ta' xbieha Maltija. Diversi xbihat taħt forma ta' kwadri devoti oħr ġew inkurunati mal-milja taż-żmien, fosthom il-Madonna ta' Pinu f'Għawdex, il-Madonna tas-Saħħa fir-Rabat, il-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara, il-Madonna tal-Mirakli f'Ħal Lija, il-Madonna tal-Għar fir-Rabat, il-Madonna tal-Mellieħa u l-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Minbarra dawn il-kwadri fil-gżejjer Maltin nsibu wkoll tliet statwi nkurunati solennement li huma Marija Bambina tal-Isla fl-1921, San Ġużepp ix-Xiħ tar-Rabat fl-1963 u Marija Bambina fix-Xagħra fl-1973. Ma' dawn l-aħħar xbihat ser tiżdied appuntu l-vara titulari tas-Sacro Cuor ta' Tas-Sliema. L-aħħar inkurunazzjoni solenni li saret f'Malta kienet fl-1975 meta ġiet inkurunata x-xbieha tal-Assunta fil-kwadru titulari tar-Rotunda, il-Mosta, filwaqt li f'Għawdex l-aħħar inkurunazzjoni seħħet fuq ix-xbieha tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù l-kwadru titulari tal-Fontana tal-1993. Il-ġenerazzjonijiet tal-lum lanqas qatt rajna nkurunazzjoni solenni. Ċerti riti speċjali bħal din kienu jidhru bħala dawk li laħqu saru u daqshekk. Iżda l-maħbub Arċisqof Charles J. Scicluna ma ħasibhiex hekk u meta fl-aħħar pussess tal-Kappillan, intwera bix-xewqa li l-vara titulari tas-Sacro Cuor tiġi nkurunata solennement, huwa dlonk qabel li tkun ħaġa sabiħa u xierqa. U hekk wara li saru t-talbiet u r-rikorsi meħtieġa u ġew approvati, ninsabu biss ftit ġimgħat 'il bogħod milli naraw ġrajja storika u daqstant ieħor ta' devozzjoni sseħħ quddiem għajnejna. F'din il-kitba ser nagħti ħarsa lejn



*L-Inkurunazzjoni tal-Bambina fix-Xagħra Għawdex, 1973*




żewġ inkurunazzjonijiet ta' statwi Marjani oħra, li kif għedt iżjed qabel huma l-vari titulari tal-Bambina fl-Isla u fix-Xagħra Għawdex.

Ix-xbieha ta' Marija Bambina ilha meqjuma fil-Belt Qatt Mirbuħa preċiżament erba' mitt sena! Lejha kien idur il-poplu Senglean fi żminijiet awsteri ta' nixfa, mard u terremoti. Sa mill-1915, bdew jintbagħtu suppliki lill-Arċisqof Mawru Caruana biex din il-vara tiġi nkurunata b'digriet tal-Vatikan. Dawn it-talbiet wasslu beix fl-1920 ntbagħat rikors lill-Kapitlu tal-Vatikan u r-reskritt ħareġ fl-1 ta' Mejju tal-istess sena. Dan involva tħejjijiet kbar biex kollox isir kif jixraq f'okkażjoni sabiħa bħal din. Għal dan il-għan il-kleru tal-Parroċċa tal-Isla beda jħejji spiritwalment lill-poplu billi kull 8 tax-xahar kienet issir quddiesa u diskors fuq il-Madonna. Waqt dawn il-preparamenti kollha, l-istess Papa li approva l-Inkurunazzjoni tal-Bambina, Benedittu XV, fit-3 ta' Jannar 1921 ta l-privileġġ ta' Bażilika Minuri lill-Parroċċa tal-Isla. Wieħed biss jista' jimmaġina allura x'fervur kien hemm l-Isla b'okkażjonijiet speċjali bħal dawn resqin. Il-Vatikan iddelaqga lill-Arċisqof Mawru Caruana biex iqiegħed il-kuruna tad-deheb fuq ras il-Bambina u ntagħżlet il-ġurnata tal-4 ta' Settembru biex iseħħ dan kollu. Sebaħ il-jum mistenni u filgħodu sar pontifikal solenni li fih iżżanżnu l-Umbrellun Bażilikali u t-Tintinnablu.[1] Wara nofsinhar ix-Xatt tal-Isla kien maħnuq bin-nies, filwaqt li oħrajn għażlu li jkunu preżenti fuq id-dgħajjes ġol-Port il-Kbir. Għall-ħamsa ta' waranofsinhar, l-istatwa ta' Marija Bambina waslet merfugħa fix-Xatt tal-Isla u tpoġġiet taħt għamla ta' ark trijonfali mserraħ fuq erba' trofej kbar, magħruf bħala l-kuruna u misluf mill-Parroċċa ta' Ħal Lija għall-okkażjoni.[2] Wara l-kant tal-Ave Maris Stella, l-Arċisqof Caruana, assistit mill-Isqof Awżiljarju Anġlu Portelli u mill-Isqof t'Għawdex Giovanni Maria Camilleri, qiegħed il-kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż fuq ras l-istatwa tal-Bambina fost ċapċip li jtarrax u għajjat ta' ferħ. L-Arċisqof Caruana kien ixxurtjat li kien qatta' tfulitu u trabba fl-Isla sa ma wasal iż-żmien biex iħalli Malta u jingħaqad mal-Ordni Benedittin. Fl-istess okkażjoni żżanżan Innu tal-Inkurunazzjoni melodjuż għall-aħħar li għadu jindaqq sal-lum il-ġurnata, mill-pinna tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila fuq mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana. Biex tibqa' tifkira ta' din l-okkażjoni unika, kienet saret statwa li turi lill-Papa Benedittu XV jagħti d-digriet tal-Inkurunazzjoni lill-Isqof Caruana fl-att ta' riverenza lejn l-istess Papa. Fl-1971, fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Dun Ġwann Sladden, tfakkar bil-kbir għeluq il-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni, liema festi laħqu l-qofol tagħhom bit-tqegħid tal-warda tad-deheb f'riġlejn il-Bambina, mill-Kardinal Giacomo Lercaro. Ħamsa u għoxrin sena wara, fl-1996 tfakkar ukoll għeluq il-75 sena mill-Inkurunazzjoni u l-istatwa tal-Bambina ttieħdet il-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt f'festa kbira li saritilha apposta. Din is-sena, kif għedt iżjed qabel, qed jitfakkar għeluq l-400 sena mill-wasla ta' din l-istatwa grazzjuża fil-Belt Sengleana. Tliet snin oħra, bil-għajnuna t'Alla jitfakkar għeluq l-ewwel ċentinarju mill-Inkurunazzjoni ta' din ix-xbieha devota.

***Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,***
***Bil-kuruna fuq rasek rajniek;***
***Int ħabbejtna ja tfajla tas-Sema,***
***Imħabbitna, O'Rebbieħa, tajniek!***

Il-ġrajja tal-Inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Bambina fil-Bażilika tax-Xagħra hija waħda iżjed riċenti minn dik tal-Isla, għax fil-fatt seħħet ħamsa u erbgħin sena ilu . Wara li għaddiet il-Festa tal-Bambina f'Settembru 1972, tliet membri tal-Kapitlu tax-Xagħra avviċinaw lill-Arċipriet MikielAnġ Cauchi u wrewh il-ħsieb illi peress li s-sena ta' wara, kien ser jitfakkar għeluq l-ewwel ċentinarju mill-wasla tas-istatwa minn Marsilja, kienet tkun ħaġa xierqa li jissottomettu t-talba biex tiġi nkurunata x-xbieha tal-Bambina fil-kwadru titulari tal-istess Bażilika. Il-kumplament tal-Kapitlu qabel ma' din il-proposta u ntagħżel il-Kanonku Ewkaristiku Sultana biex ikellem lill-Isqof Nikol Cauchi dwar il-ħsieb li kellhom. L-Isqof Cauchi ħeġġiġhom biex minflok ix-xbieha fil-kwadru titulari, tiġi nkurunata l-istatwa titulari peress li kienet devota ferm iżjed mill-kwadru. It-talba għall-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina ġiet ippreżentata nhar l-24 ta' Ottubru 1972. Fil-21 ta' Novembru 1972 saret ċerimonja li biha nbdew il-festi uffiċjali taċ-Ċentinarju li kellhom jilħqu l-qofol bl-Inkurunazzjoni tal-Bambina.[3] Tniedha konkors għall-isbaħ disinn ta' kuruna, li ġie fi tmiemu fit-2 ta' Frar 1973 bl-għażla tad-disinn ta' Ġużeppi Sagona li kellu n-nom de plume Anna u Ġwakkin. L-għażla tal-aħjar disinn saret minn kummissjoni ta' artisti mmexxija mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, u mat-tħabbira tad-disinn rebbieħ, dlonk beda l-ġbir tad-deheb u l-ħaġar prezzjuż mingħand ix-Xagħrin mingħand ix-Xagħrin biex tissawwar il-kuruna mill-arġentier Żejtuni Tarċisju Cassar.

Matul il-preparazzjonijiet tal-Inkurunazzjoni, il-parroċċa tax-Xagħra nħasdet bil-mewt tal-Arċipriet MikielAnġ Cauchi u minfloku, bħala Amministratur Parrokkjali nħatar il-Kan. Benjamin Attard, bil-ħsieb li jintagħżel Arċipriet ġdid wara li jgħaddu l-festi tal-Inkurunazzjoni. Intagħżlet il-ġurnata tat-2 ta' Settembru 1973 biex fiha sseħħ il-ġrajja tant għal qalb ix-Xagħrin. Dakinhar filgħodu sar Pontifikal fil-Bażilika u ġie ffirmat il-kuntratt tal-Inkurunazzjoni. Filgħaxija mbagħad inħarġet proċessjonalment l-istatwa sabiħa tal-Bambina fil-Pjazza Vitorja sa palk armata apposta. Il-Prim Imħallef J.J. Cremona, bħala wild ix-Xagħra, ġarr l-imħadda bil-kuruna tad-deheb fuqha. Ħadu sehem il-kapitli kollha tal-gżira Għawdxija, u ċ-ċerimonja xxandret fuq ir-Rediffision bil-compere ikun il-mibki Charles Arrigo. Fil-mument tant mistenni, l-Isqof Nikol Cauchi poġġa solennement il-kuruna tad-deheb fuq ras l-istatwa tal-Bambina fost il-ferħ ta' dawk kollha preżenti li mlew il-pjazza tar-raħal. Għaxar snin wara din il-ġrajja importanti, il-Kardinal Luigi Dadallo poġġa warda tad-deheb f'riġlejn il-Bambina, filwaqt li sitta u għoxrin wara l-inkurunazzjoni, fl-1999, il-Kardinal Edmund Casimir Szoka żejjen lill-Bambina bi stellarju tad-deheb ġdid. Ħames snin oħra, fl-2023, il-Parroċċa tax-Xagħra tfakkar għeluq il-ħamsin sena mil-Inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina.[4]



*L-Inkurunazzjoni tal-Bambina tal-Isla, 1921*

***Mal-qlub tagħna ja Bambina,***
***Dil-kuruna ridna ntuk,***
***Biex fuq rasek tibqa' tixhed***
***Kemm tassew aħna nħobbuk!***

U wara l-ġrajjiet tal-Inkurunazzjonijiet Marjani fl-Isla u fix-Xagħra, imiss issa l-Parroċċa Slimiża tas-Sacro Cuor biex tinseġ il-ġrajja tal-Inkurunazzjoni tal-vara titulari tagħha maħduma minn Ġlormu Darmanin fl-1879. Bħalma l-Isqfijiet Mawru Caruana u Nikol Cauchi rabtu isimhom b'mod dejjiemi mal-Isla u x-Xagħra, daqstant ieħor isem l-Arċisqof preżenti Charles J. Scicluna ser jitwaħħad darba għal dejjem mal-Parroċċa tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù. Kull min f'ħajtu qatt m'assista għal inkurunazzjoni solenni ta' xbieha devota, għandu jagħmel appuntament mad-29 ta' Settembru 2018 biex ikun preżenti f'Tas-Sliema.

**Noti u Referenzi:**

1. Ara l-Bambina u l-Isla - Patri Victor P. Farrugia Ciarlò O.Carm f'programm tal-Festa Marija Bambina Leħen il-Parroċċa Isla Paġni 3-10.
2. Din l-opra artistika ta' armar estern għadha tintrama sal-lum il-ġurnata f'Ħal Lija fi Triq il-Forn għall-Festa tas-Salvatur kull nhar is-6 ta' Awwissu u għandha plakka kommemorattiva mwaħħla magħha li tfakkar l-Inkurunazzjoni tal-Bambina fl-1921.
3. Ara Il-Ġublew tad-Deheb tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Monsinjur Ewkaristiku Sultana 1965-2015 - Aaron Attard Hili Paġni 53-55.
4. Ħajr lis-Sur Samuel Sultana għall-informazzjoni mogħtija.

**Il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju**
**waqt il-Marċ tal-Ġimgħa**
**Sorpriża għat-tfal kollha preżenti**

